MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2008

Appell Civili Numru. 1966/1998/1

**County Leatherwear Limited**
**v.**
**Southern Construction Co. Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru 1998, is-socjeta` attrici ppremettiet li l-partijiet kienu dahlu f'kuntratt dok A. dwar kostruzzjoni ta'

Showrooms and Offices f'Old Railway Track Santa Venera; li skond il-kundizzjonijiet ta' l-istess kuntratt is-socjeta` konvenuta kellha tispicca x-xoghol kollu li hi obbligat ruhha li tesegwixxi sal-10 ta' Jannar 1997; li fil-fatt is-socjeta` konvenuta kienet naqset li tispicca x-xoghol sal-10 ta' Jannar 1997, u fil-fatt ix-xoghol ma kienx lest fil-31 ta' Mejju 1998, u cioe` kienet tard bil-perijodu ta' 505 granet; li jirrizulta li 45 gurnata minn dawn il-505 kienu gustifikati; li skond l-istess kuntratt hemm penali ta' Lm100 kull jum fil-kaz ta' "*delay*"; li ghalhekk s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' Lm46,000 bhala penali ghal 460 gurnata ta' ''*delay*'' mhux gustifikat; li s-socjeta` attrici ghandha taghti lis-socjeta` konvenuta s-somma ta' Lm27,267 skond ma gie ccertifikat mill-Perit Raniolo (dok B); illi ghalhekk s-socjeta` konvenuta hija debitrici fil-konfront tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' tmintax il-elf seba' mija tlieta u tletin liri Maltin (Lm18,733) rapprezentati bilanc dovut lis-socjeta` attrici; li nonostante diversi interpellazzjonijiet anki ufficjali s-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti; dan premess is-socjeta` attrici talbet li dik il-Qorti:

"1. Tiddikjara li s-socjeta` konvenuta naqset li tesegwixxi x-xoghol skond il-ftehim fit-termini accettata minnha u ghalhekk ghandha thallas penali skond kif espost fll-premessi u kif konfermat milll-perit;

"2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta biex thallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta' tmintax il-elf seba' mija u tlieta u tletin liri Maltin (Lm18,733) rappresentanti l-penali dovuta lis-socjeta` attrici wara li tkun naqset is-somma ta' seba' u ghoxrin elf mitejn u sitta u sebghin lira (Lm27,267) dovuta lis-socjeta` konvenuta skond kif premess;

"Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tat- ta' Lulju 1998 u tal-mandat ta' sekwestru ppresentat u bl-imghax legali kontra s-socjeta` konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni."

B'nota pprezentata fis-17 ta' Marzu 1999, is-socjeta` konvenuta Southern Construction Co. Ltd eccepiet:

"1. Illi primarjament in-nullita` tal-kuntratt li ghalih qieghda ssir referenza fl-att tac-citazzjoni mis-socjeta` attrici u ndikat bhala Dok A stante illi dan qatt ma gie ratifikat u debitament iffirmat minn zewg Diretturi tas-socjeta` konvenuta kif rikjest mill-Memorandum and Articles Of Association ta' l-istess socjeta` konvenuta u kif ampjament jirrizulta mill-kopja ta' l-istess hawn annessa u markata bhala dok ''A'' jew li giet presentata xi rizoluzzjoni tal-Board tad-Diretturi li tawtorizza xi wiehed mid-Diretturi jidher wahdu fuq l-istess kuntratt.

"2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appalt moghti lis-socjeta` konvenuta kien wiehed semplici, regolat biss bl-iskrittura markata bhala dok. B hawn annessa u minn pjanti forniti u modifikati waqt l-andament tax-xoghol u mill-liema ftehim ma tirrizulta l-ebda penali ghal liema raguni din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex tilqa' t-talbiet attrici.

"3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kienu saru diversi laqghat waqt l-andament tax-xoghol u s-socjeta` attrici qatt ma ghamlet riferenza ghall-implementazzjoni ta' xi penali u dan, jekk s-socjeta` attrici kienet qieghda tenforza xi penali kienet fid-dmir u l-obbligu illi tinforma lis-socjeta` konvenuta b'dan kull meta kienet tohrog *interim payments* permezz ta' *interim payment vouchers*.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kull meta, wara l-iskadenza tal-perjodu ndikat, kienet issir laqgha u jintlahaq ftehim kienet qieghda ssir novazzjoni u sospensjoni ta' l-implementazzjoni tal-penali, u dan aktar u aktar meta qatt ma kienet issir xi riferenza ghall tali implementazzjoni ta' penali.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk kien hemm xi dewmien u s-socjeta` attrici ma lahqitx ix-xoghol fi zmien indikat fl-att tac-citazzjoni, dan tahti ghalih unikment is-socjeta` attrici u dan minhabba addizzjoni sostanzjali ta' xoghol, litigazzjoni ma' terzi, indisposizzjoni tal-Perit ta' l-istess socjeta` attrici, alterazzjoni ta' xoghlijiet kif ukoll, izda mhux limitat ghal, thejjija ta' pjanti u qisien godda u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fit-30 ta' Novembru 2005, fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, ikkonkludiet hekk:
"Ghal dawn il-motivi
"il-Qorti tiddeciedi
"billi tichad l-ewwel erba' eccezzjonijiet imressqa mis-socjeta` konvenuta,
"tilqa' l-hames eccezzjoni limitatament, fejn qed tiddikjara li s-socjeta` konvenuta ma kellhiex htija ghad-dewmien f'disghin (90) jum.
"Tilqa' it-talbiet attrici limitatament kif fuq indikat u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' erbatax-il elf mitejn tlieta u tletin Lira Maltija (Lm14,233) u bl-imghax mill-31 ta' Mejju 1998, sad-data tal-pagament effettiv.
"Bl-ispejjez jithallsu kwantu ghall zewg terzi mis-socjeta` konvenuta u t-terz rimanenti mis-socjeta` attrici."

U dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**"Il-FATTI**

"Is-socjeta` attrici County Leatherwear Limited harget *tenders* ghal xoghlijiet ta' kostruzzjoni ta' sit gewwa Psaila Street, Birkirkara. Fost it-*tenders* illi hija rceviet kien hemm dik tas-socjeta` konvenuta Southern Construction Limited. It-*tender* tas-socjeta` konvenuta gie accettat u din kellha tesegwixxi x-xoghlijiet kif rikjest. Is-socjeta` konvenuta bdiet ix-xoghlijiet f'Jannar 1996 izda ma waslitx il-progett fi tmiemu ghax f'Mejju 1998, il-kuntratt gie terminat u x-xoghol tkompla minn terzi.

"Skond ic-certifikat mahrug mill-Perit Italo Raniolo, li kien il-Perit inkarigat mill-progett, jirrizulta li x-xoghol li Southern Construction lahqet ghamlet, sakemm gie tterminat il-kuntratt taghha, kien jammonta ghal Lm106,267.00. Il-partijiet jaqblu illi Southern Construction

Limited gja thallset Lm79,000, u ghalhekk jibqa’ l-ammont kontestat ta’ Lm27,267.

**“TALBA ATTRICI**

“Is-socjeta` attrici qieghda titlob hlas ta’ penali dovuta lilha minhabba d-dewmien biex jigu esegwiti x-xoghlijiet miftiehma. It-talba taghha hija fondata fuq it-Tender Document. Dan id-dokument fl-artikolu 43 jistipula s-segwenti :

*“A penalty of Lm100 per day inclusive of Sundays and holidays, will be imposed upon the successful tenderer if he fails to complete the work by the time stated in the tenderer. The Employer shall have the right to either deduct this sum from the retained payments, and/or claim it under the performance bond / guarantee quoted above, and/or claim the amount directly from the contractor.”*

“Is-socjeta` attrici tissottometti lli kien hemm dewmien ta’ 505 jum, izda tammetti li minn dawn, cjoe` 45 jum, id-dewmien huwa attribwibbli lilha u mhux lis-socjeta` konvenuta. Hija ghaldaqstant tissottometti illi s-socjeta` konvenuta ghandha thallas penali ghal 460 jum li bl-applikazjoni ta’ l-artikolu fuq citat, il-penali ghalhekk tammonta ghal Lm46,000. Minn din is-somma, is-socjeta` attrici trid tnaqqas l-ammont ta’ Lm27,267, debitu li hija ghandha lejn is-socjeta` konvenuta, u ghalhekk it-talba taghha hija ta’ Lm18,733.

**“L-ECCEZZJONIJIET**

<u>“In-nullita` tal-kuntratt</u>

“Is-socjeta` konvenuta eccepiet li t-*tender document* hu ffirmat minn Direttur wiehed u ghalhekk null ghax ma giex ratifikat u debitament iffirmat minn zewg Diretturi tas-socjeta` konvenuta.

“Il-Qorti ma taqbilx illi fil-kaz in kwistjoni hemm xi nullita` tal-kuntratt.

"Id-Diretturi, li huma tnejn, kienu jafu bil-kuntratt, anzi kienu t-tnejn prezenti meta gie ffirmat. Dan huwa sostnut mix-xiehda tal-Perit Raniolo u anki mix-xiehda moghtija mid-Direttur l-iehor Ray Axiaq[1] fejn stqarr: "*id-diretturi l-ohra kienu jafu li ser niffirma dan il-kuntratt. Ghidtilhom xi mlejt u mort nipprezentaha jiena. It-tender ikun fiha penali anke f'din u kont naf biha.*" Ghalhekk ma jregiex l-argument tas-socjeta` attrici li hija ma kienitx taf bit-tender.

"Huwa principju assodat fil-ligi taghna u anki fil-gjurisprudenza illi ladarba l-persuna li tkun qed tinnegozja ma' terzi jkollha certa posizzjoni f'kumpanija, liema posizzjoni normalment tfisser illi hija tista' torbot lill-kumpanija b'obbligi favur terzi, allura dak illi dina l-persuna twettaq f'isem il-kumpanija, ikun vinkolanti. Dan ghaliex it-terza persuna gustament tista' tassumi li l-persuna ma' min qieghda tinnegozja ghandha l-awtorita` necessarja biex torbot lill-kumpanija. Ghaldaqstant County Leatherwear Limited ma kellhiex il-bzonn illi tikkontrolla jekk fil fatt Ray Axiaq kellux tali awtorita` li jorbot lil Southern Constuction Limited b'obbligi favur terzi, specjalment meta l-ftehim gie ffirmat fil-presenza tad-Direttur l-iehor illi ma oggezzjonax.

"Is-socjeta` konvenuta ma tistax tgawdi min-nullita` ta' kuntratt, liema nullita` hija konsegwenza ta' l-agir taghha stess. Fis-socjeta` konvenuta kien hemm tnejn min-nies bhala diretturi u *shareholders*. Wiehed minnhom kellu l-kapacita` li jorbot il-kumpanija fuq kuntratti favur terzi, l-iehor le. Meta giet biex tiffirma l-kuntratt prezenti, iz-zewg diretturi kienu prezenti, u ffirma biss dak li ma kellux il-kapacita` li jorbot il-kumpanija favur terzi. Dan l-agir setgha twettaq b*'mala fede* jekk mhux b'qerq.  Izda ma jistax direttur jiffirma minghajr awtorita` u s-socjeta` tkun pjenament konxja ta' dan, u wara teccepixxi n-nullita` ta' tali kuntratt.

"Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi l-kuntratt huwa vinkolanti u li t-*tender document* huwa dak li jirregola r-

[1] Xhieda ta' Ray Axiaq tas-16 ta' Jannar 2002, a fol. 46 tal-process 1776/98.

relazzjoni legali bejn il-partijiet. Ladarba l-kuntratt tat-tender huwa validu, is-socjeta` konvenuta ma tistax targumenta illi ma kinitx taf bil-penali ghaliex dawn kienu fost il-kondizzjonijiet tal-kuntratt. Ma kienx l-obbligu tas-socjeta` attrici li toqghod tfakkar jew tigbed l-attenzjoni tas-socjeta` konvenuta dwar l-ezistenza tal-penali fil-kuntratt.

**Novazzjoni u Sospensjoni**

"Is-socjeta` konvenuta qed teccepixxi ukoll li kull meta, wara l-iskadenza tal-perjodu indikat, kienet issir laqgha u jintlahaq ftehim kienet qieghda ssir novazzjoni u sospensjoni ta' l-implementazzjoni tal-penali, u dan aktar u aktar meta qatt ma kienet issir xi riferenza ghall tali implementazzjoni ta' penali.

"Illi *jkun hemm novazzjoni meta d-debitur jaghmel mal-kreditur tieghu dejn gdid u dan jigi mqieghed flok il-qadim, li jispicca. "In-novazzjoni mhix prezunta, l-intenzjoni li ssir ghandha tidher bic-car*."

"Il-Qorti ma tifhimx kif seta' kien hemm novazzjoni u sospensjoni ta' l-implimentazzjoni tal-penali meta fil-kliem l-eccezzjonijiet stess: "*dan aktar u aktar meta qatt ma kienet issir xi riferenza ghal tali implementazzjoni ta' penali*". Ladarba l-penali ma kienitx tissemma' fil-laqghat, zgur li ma jistax ikun hemm xi ftehim espress bejn il-partijiet illi qed issir novazzjoni tal-implimentazzjoni tal-penali. Dawn huma zewg affarijiet kontradittorji.

"Il-Qorti hija tal-fehma illi ma giex pruvat illi kien hemm xi ftehim bejn il-partijiet biex issir in-novazzjoni, jew li intqal xi kliem li seta' fisser li bejn il-partijiet kien hemm *animus novandi.*

**"Dewmien**

"Jirrizulta lill-Qorti illi kien hemm dewmien fl-ezekuzzjoni tax-xoghol u ghalhekk trid tezamina min kien responsabbli ghal dan id-dewmien. Minn ezami tad-dokumenti ezibiti u

mix-xhieda prodotta, il-Qorti hija tal-fehma illi dan id-dewmien kien dovut ghaz-zewg partijiet.

"*Dewmien ikkagunat mis-socjeta` konvenuta*. Fil-fehma tal-Qorti l-ikbar kawza ta' dewmien fix-xoghol, kien dovut ghall-ammont zghir ta' impjegati li s-socjeta` konvenuta kellha fuq il-lant tax-xoghol. Il-Qorti tosserva li fid-dokument tat-tender (a fol. 83 tal-process), is-socjeta` konvenuta ddikjarat li b'kollox kellha madwar 55 impjegat bejn *part-time u full-time*. Fir-realta` fis-sena in kwistjoni cioe`, 1996 kellha biss 24 haddiem. Naturalment dawn ma kienux dedikati biss fuq progett wiehed ghax is-socjeta` konvenuta ammettiet li kellha progetti ohra ghaddejin fl-istess hin fl-Imtarfa u postijiet ohra. Skond ix-xhieda tad-diversi haddiema, fuq il-lant tax-xoghol kienu jkunu madwar hames jew sitt haddiema l-aktar fuq il-post. In vista tal-fatt li s-socjeta` konvenuta kienet obbligat ruhha li tispicca x-xoghol fi zmien tnax-il xahar, il-Qorti hija tal-fehma li meta tiehu in konsiderazzjoni l-estenzjoni tal-progett, in-numru tal-haddiema li bihom kienet qed tahdem is-socjeta` konvenuta, kien ftit wisq u kien jidher li l-progett mhux ser jigi terminat fiz-zmien stipulat.

*"Dewmien ikkagunat mis-socjeta` attrici*: Is-socjeta` attrici ammettiet li kien hemm dewmien da parti taghha u naqqset 45 gurnata mill-ammont ta' penali li qed tippretendi minghand is-socjeta` konvenuta. Jidher illi certu dewmien sehh minhabba tibdil fil-pjanti, kwistjonijiet ta' hajt divizorju, tqattiegh ta' blat u anke minhabba illi l-Perit inkarigat minn County Leatherwear Limited kien marid u ghal certu perjodu ma setax jidderigi x-xoghlijiet, kif ukoll minhabba certu dewmien fil-pagamenti da parti tas-socjeta` attrici.

"Il-Qorti tirrileva skond il-korrispondenza a fol. 142 u 143 minhabba li l-Perit Raniolo kien indispost, ma kienx hemm min seta` jwiegeb ghad-diffikultajiet tas-socjeta` konvenuta. Tirrileva wkoll illi xi drabi l-*interim payments* damu ma thallsu aktar minn xahrejn, u ghalhekk is-socjeta` konvenuta seta' kellha diffikulta biex tkompli x-xoghlijiet. Mix-xiehda tad-diversi haddiema impjegati mas-socjeta` konvenuta jirrizulta illi kien hemm cirkostanzi fejn

il-haddiema kellhom jieqfu mix-xoghol anke ghal madwar tliet xhur.

“Skond l-istess County Leatherware Limited, minn 505 jum ta’ *delay*, 45 minnhom kienu kkawzati minn ragunijiet attribwibbli lilha stess. Izda din il-Qorti tifhem illi dan in-numru ghandu jkun aktar gholi. Id-data tal-bidu tal-kuntratt tressqet minn Dicembru 1995 ghal Jannar 1996 sabiex taghmel tajjeb certu dewmien fil-bidu tal-progett.

“Il-Qorti tikkalkula illi n-numru ta’ jiem li fihom id-dewmien ma kienx attribwibbli lil Southern Construction Limited ghandu jkun ta’ disghin (90) gurnata u dana biex jaghmel tajjeb ghad dewmien imsemmi mill-konvenuti u li sar riferenza ghalih mill-istess konvenuti u fix-xhieda tal-Perit Spiteri u anke tal haddiema li hadmu fuq il-post li semmew perjodu ta’ bejn xahrejn u nofs u tlett xhur. Ghalhekk Southern Construction Limited ghandha terfa’ r-responsabilta biss ghall erba’ mija u hmistax-il (415) jum ta’ dewmien u mhux hames mija u hamsa (505). Jirrizulta ghaldaqstant illi l-penali ghal erba’ mija u hmistax-il (415) jum f’dan il-kaz jammontaw ghal wiehed u erbghin elf u hames mitt Lira Maltija (Lm41,500).

“Minn din is-somma, dina l-Qorti qieghda tnaqqas l-ammont ta’ Lm27,267, stante illi s-socjeta` attrici hija debitrici tas-socjeta` konvenuta f’dan l-ammont. Ghaldaqstant il-penali li m’humiex imhallsa tammonta ghal Lm14,233.”

**L-appell tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b’rikors intavolat fid-19 ta’ Dicembru 2005, talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha timmodifika s-sentenza appellata inkwantu laqghet il-hames eccezzjoni limitatament ghal perjodu ta’ 90 gurnata u tiddikjara li s-socjeta` appellata kienet responsabbli ghal perjodu kollu ta’ dewmien, u tirrevokaha inkwantu laqghet it-talbiet tas-socjeta` appellata u dan billi tilqa’ l-aggravji ta' l-esponenti

socjeta` appellanti u tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta` appellata.

Is-socjeta` attrici appellata pprezentata risposta gharrikors ta' l-appell tas-socjeta` konvenuta fejn talbet li s-sentenza tigi kkonfermata *in toto* billi hija gusta.

**Ikkunsidrat:**

Fil-21 ta' Awissu, 1995 is-socjeta` konvenuta issottomettiet l-offerta taghha fuq ***Tender for the Construction of Showrooms, Offices and Stores for County Leatherwear Ltd – B'Kara*** ghal prezz komplessiv ta' LM225,761.08 inkluza t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u fid-dokument tal-offerta [fol 17] obbligat ruhha li tibda x-xoghlijiet "*on receipt of the Architect's order to commence, and to complete and deliver the whole of the works comprised in the Contract within …. Calendar months after the order to start work.*"

Il-*General Conditions* annessi mad-dokument tat-*tender* jiddefinixxu "*Contract*" bhala "*these Conditions, the Specifications, the Drawings, the Bill of Quantities, the Tender, the Letter of Acceptance, the Contract Agreement and other related documents.*" Fl-ahhar pagna tal-Bill of Quantities li gew sottomessi lis-socjeta` attrici u ffirmati minn Raymond Axiaq ghas-socjeta` konvenuta, gie dikjarat li l-*Overall Completion Period* kien ta' *12 months* u li n-numru ta' impjegati *Full Time* u dawk *Part Time* mas-socjeta` konvenuta kienu rispettivament 30 u 25 filwaqt li dawk impjegati mas-*Sub-Contractor* kienu 20.

Il-kuntratt ta' appalt ghall-kostruzzjoni ta' *Stores, Showroom* u ufficini fuq imsemmija inghata lis-socjeta` konvenuta kif tixhed l-ittra tal-Perit Italo Raniolo, tad-19 ta' Dicembru, 1995 a fol 92/93 tal-process. Skond ma xhed Charles Gatt, Quantity Surveyor inkarigat mis-socjeta` attrici:
"F'19 ta' Dicembru 1995 harget il-'Letter of Acceptance' minghand il-Perit ta' County Leatherwear Ltd biex il-

kuntrattur ikun jista' jibda ix-xoghol. Il-kuntrattur qallilna li seta' jibda 15 il-gurnata wara din id-data, fil-fatt beda **<u>fl-10 ta' Jannar 1996.</u>**" [fol 162]

Fl-affidavit tieghu l-istess Charles Gatt kompla hekk:
"Kif ghidna qabel, ix-xoghol beda fl-10 ta' Jannar 1996, skond il-kuntratt iz-zmien kien ta' tnax (12) il-xahar biex jispicca ix-xoghol, ghalhekk il-kuntratt kollu kellu jigi terminat fl-10 ta'Jannar 1997. F'din is-sena l-kuntrattur kellu jlesti ix-xoghol kollu ghal valur ta' LM225,761.08.

"Mil-bidu tax-xoghol, il-kuntrattur ma kellux nies bizzejjed biex jahdem il-kwantita` ta' xoghol li kellu suppost jaghmel kull xahar. F'dan ir-rigward kemm il-klient u jiena (ara dok C) u il-perit, kemm-il darba kitbu biex jigbed l-attenzjoni tal-kuntrattur li x-xoghol waqa' lura u l-granet ghal penali, kienu dejjem qed jakkumulaw. Ghalkemm kien hemm xi ftit dewmien gustifikat dawn gew imnaqqsa mill-granet soggetti ghal penali. Fil-fatt fl-ittra tieghi tat-22 ta' Gunju 1998 (ara App B) tispjega id-dewmien u l-penali li l-kuntrattur dovut ihallas."

Effettivament ix-xoghol ma tlestiex fit-terminu stipulat; ghal kuntrarju sa Mejju 1998 dan ix-xoghol kien ghadu mixi u ghalhekk is-socjeta` attrici tterminat l-appalt lis-socjeta` konvenuta u, filwaqt li inkarigat kuntrattur iehor, talbet lis-socjeta` konvenuta thallas il-penali a tenur tal-paragrafu 43 tal-Conditions of Contract. Din il-Klawsola tghid hekk:
"**Penalty**
A penalty of LM100 per day inclusive of Sundays and holidays, will be imposed upon the successful tenderer if he fails to complete the works by the time stated in the tenderer [sic]. ……"

Kien ghalhekk li l-Quantity Surveyor Gatt fit-22 ta' Gunju, 1998 ghamel il-komputazzjonijiet tieghu sabiex jistabilixxi kemm kienu l-granet ta' dewmien, u kemm minn dawn kienu kkawzati minhabba l-klient jew il-Perit inkargat minnu, u wasal ghall-konkluzzjoni li d-dewmien "*for late delivery of whole project*" kien ta' 505 granet li minnhom 45 granet kienu imputabbli lis-socjeta` attrici, jew lill-perit taghha jew minhabba xi ziediet fl-appalt. A bazi tal-

klawsola fuq imsemmija l-istess Surveyor iddikjara li l-penali kienet ta’ LM46,000.

Fil-kawza prezenti s-socjeta` attrici qedha titlob li, prevja dikjarazzjoni li da parti tas-socjeta` konvenuta kien hemm dewmien fl-ezekuzzjoni tal-appalt, liema dewmien jimporta l-hlas ta’ penali a tenur tal-klawsola imsemmija, s-socjeta` konvenuta tigi kundannata thallas is-somma ta’ LM18,733 raprezentanti l-bilanc dovut bhala penali wara li s-socjeta` konvenuta tigi kreditata bl-ammont ta’ LM27,267 bilanc dovut lilha fuq x-xoghol ezegwit minnha.

Is-socjeta` konvenuta laqghet ghat-talbiet attrici billi fl-ewwel lok eccepiet in-nullita` tal-kuntratt minhabba l-assenza ta’ wiehed mid-diretturi taghha fuq d-dokument finali; fit-tieni lok li r-relazzjoni bejn il-partijiet ma jikkomtempaw ebda penali; li waqt laqghet ta’ bejn il-partijiet din il-penali qatt ma ssemmiet; li bejn il-partijiet kien intlahaq ftehim li jammonta ghal novazzjoni u finalment li kull dewmien kien imputabbli lis-socjeta` attrici ghal diversi fatturi.

Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti chadet l-eccezzjonijiet kollha biss fir-rigward ta’ l-ahhar eccezzjoni, cioe` dik dwar id-dewmien, ikkoncediet li d-dewmien li ghandu jigi attribwit lis-socjeta` attrici, u konsegwentement mhux passibbli ghal penali, kellu jkunta’ 90 gurnata u mhux hamsa u erbghin b’dana li l-ammont finalment dovut lis-socjeta` attrici, wara li tnaqqset is-somma ta’ LM27,267 dovut lis-socjeta` konvenuta, giet kalkolata fl-ammont ta’ LM14,233.

**Ikkunsidrat:**

Is-socjeta` konvenuta appellanti ressqet diversi aggravji kontra s-sentenza appellata u cioe`:-

**1) Illi s-socjeta` appellanti ma setghet qatt tigi kkundannata ghall-hlas ta’ penali stante li l-kalwsola 43 tal-ftehim iffirmat ma setghet qatt tavvera ruhha.**

Qed jigi sottomess f’dan ir-rigward li la darba kien hemm, kif gie stabbilit mill-ewwel Qorti, dewmien attribwibbli lis-

socjeta` attrici, t-*target date* ta' sena qatt ma setgha jintlahaq u kwindi l-penali ma setghetx tibda tiddekorri.

F'dan il-kuntest din il-Qorti tosserva li l-perijodu ghat-tlestija tal-progett kien jorbot lis-socjeta` konvenuta. Kienet hi li intrabtet li tifinalizza x-xoghol kollu fi zmien sena. Kif rajna din is-sena ma bditx tiddekorri minn Dicembru, izda minn Jannar 1996, ghax donnu s-socjeta` attrici accettat li dik konvenuta ma tibdix mid-data tal-Letter of Acceptance of Tender izda minn cirka hmistax wara. Dan ma jnaqqas xejn mill-obbligu impost fuq l-istess socjeta` konvenuta u minnha accettat, li tlesti fi zmien sena. Lanqas ma huwa relevanti li kien hemm xi dewmien imputabbli lis-socjeta` attrici. Kieku kien il-kaz li d-dewmien fl-ezekuzzjoni tax-xoghol kien wiehed minimu din il-Qorti kienet tikkoncedi bhala fatt li n-nuqqasijiet tas-socjeta` attrici kienu jinnewtralizzaw l-effetti tal-klawsola 43, biss jigi osservat li mhux talli kien hemm dewmien ta' aktar minn sena u hames xhur mid-data progettata ghat-terminazzjoni tal-kuntratt, talli l-istess appalt kellu jitkompla b'kuntrattur iehor. Wara kollox kull dewmien imputabbli lis-socjeta` attrici gie mehud in konsiderazzjoni mill-ewwel Qorti, kif fil-fatt kellu jsir. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

**2) Illi ma setghet qatt tigi applikata l-klawsola tal-penali fil-konfront tas-socjeta` appellanti meta kien hemm ksur tal-kuntratt iffirmat.**

Hawn is-socjeta` appellanti terga' tirribadixxi li n-nuqqasijiet tas-socjeta` appellata ixejjnu l-obbligi ghal hlas tal-penali. Dwar dan l-aggravju din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li gja intqal fir-rigward ta' l-ewwel aggravju u ghalhekk tichad dan l-aggravju billi mhux gustifkat.

**3) Illi gja la darba stabbilit il-ksur tal-ftehim da parti tas-socjeta` appellata, ix-xoghlijiet baqghu mexjin a bazi ta' skrittura gdida li kienet giet iffirmata bejn il-partijiet u tat-tahditiet li kienu jsiru minn zmien ghal zmien.**

Hawn is-socjeta` appellanti terga tressaq l-argument ta' novazzjoni. Din l-eccezzjoni giet michuda mill-ewwel Qorti a bazi ta' dak li tghid il-ligi fir-rigward billi ma jikkonkorrux l-elementi li jistghu jwasslu ghall-akkoljiment ta' din l-eccezzjoni. Din il-Qorti taqbel pienament mal-konkluzjonijiet ta' l-ewwel Qorti biss tirrileva li l-iskrittura imsemmija ma tirrizultax in atti. Infatti din tissemma' fit-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta fejn jinghad espressament li "*l-appalt moghti lis-socjeta` konvenuta kien wiehed semplici, regolat biss bl-iskrittura markata bhala <u>dok B hawn annessa</u>*" [enfazi tal-Qorti]. Effettivament d-dokument B imsemmi u li jinsab anness man-nota ta' l-eccezzjoni ma hu xejn aktar minn kopja ta' ittra ufficjali mibghuta mis-socjeta` konvenuta lis-socjetajiet mharrka fis-6 ta' Lulju 1998, fejn, filwaqt li rrespingiet xi pretensjonijiet tas-socjeta` attrici, interpellata thallas l-bilanc dovut lilha ghas-servizzi rezi u materjal fornut fuq dan l-appalt. Dan l-aggravju ghalhekk ma hux gustifikat.

**4) Illi n-numru ta' granet attribwiti bhala konsegwenza ta' dewmien min-naha tas-socjeta` appellata kellu jkun wiehed ta' aktar minn disghin (90) gurnata.**

Hawn donnu li, kuntrarjament ghal assjem tal-hsieb fir-rikors ta' l-appell, is-socjeta` konvenuta appellanti tikkoncedi li hi ghandha thallas penali biss mhux fl-ammont indikat mill-ewwel Qorti billi s-socjeta` appellata ghandha tigi addebitata numru akbar ta' granet ghad-dewmien. Huwa minnu li giet prezentata korrispondenza kopjuza mis-socjeta` konvenuta bl-intenzjoni li jintwera li kien hemm dewmien da parti tas-socjeta` appellata; biss li qed tigi mistoqsija din il-Qorti hu li taghmel apprezzament differenti ta' dawn il-provi minn dak li ghamlet u kkonkludiet l-ewwel Qorti. Ezaminati l-atti din il-Qorti ma tara ebda raguni l-ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti, anzi tosserva li 90 gurnata kienu pjuttost generuzi fir-rigward tas-socjeta` konvenuta tenut kont li rrizulta bl-aktar mod car li s-socjeta` konvenuta qatt ma kellha l-ammont ta' impjegati mwieghda fuq il-lant tax-xoghol. Ta' min iffakkar li

ghalkemm fuq il-Bill of Quantities l-istess socjeta` konvenuta indikat numru ta' impjegati, bejn *full time* u *part time* fl-ammont ta' 55, jirrizulta li waqt l-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet l-ammont ta' impjegati kien ikun minimu ta' cirka hamsa jew sitta. Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifikat.

**5) Illi l-ewwel Qorti fl-ebda hin ma stabilit minn meta kellu, jekk kellu, jibda jiddekorri t-terminu ai fini ta' penali.**

Dan l-aggravju semplicement ma jaghmilx sens. Huwa ovvju li t-terminu ghall-komputazzjoni tal-penali skatta immedjatament hekk kif ghaddiet is-sena li fiha s-socjeta` konvenuta kellha tezegwixxi x-xoghol intrapriz u jibqa' sejjer sa dakinhar li gie finalizzat ix-xoghol jew, bhal ma gara fil-kaz in ezami, terminat l-appalt. Imbaghad wara li jinghaddu dawn il-granet jew xhur issir "*allowance*" ghal dak id-dewmien li ma kienx tort tas-socjeta` appaltanti. Dan l-aggravju ghalhekk mhux qed jigi accettat.

6) **Illi l-ewwel Qorti naqset li tezercita s-setgha moghtija lilha permezz ta' l-Art 1122(2) tal-Kap 16.**

F'dan ir-rigward jigi osservat li l-Art. 1122(2) jitkellem biss dwar kif isir it-tnaqqis tal-penali meta skond l-istess artikolu l-istess penali ghandha tigi mnaqqsa u dana billi tali tnaqqis isir fi proporzjon tal-parti ta' l-obbligazzjoni li tkun baqghet mhux esegwita. Biss qabel ma jigi applikat dan l-artikolu l-Qorti trid tara jekk hemmx lok ghat-tnaqqis, u din il-Qorti hi tal-fehma li dan mhux il-kaz billi l-penali kuntrattata giet miftiehma ghad-dewmien biss, f'liema kaz il-Qorti ma ghandhiex diskrezzjoni jew awtorita` li tnaqqas il-penali. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

**7) L-ewwel Qorti ma kkunsidratx jekk id-dewmien da parti tas-socjeta` appellanti kienx kaz ta' inadempjenza da parti ta' l-istess socjeta`.**

Din il-Qorti tikkondividi dak li gie sottomess mill-appellanti li l-iskop tal-klawsola penali hu sabiex parti tassikura l-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni assunta mill-kontro-parti.

F’dan il-kaz jidher manifestament pruvat li s-socjeta` konvenuta appellanti, minkejja d-diversi problemi li nqalghu waqt l-ezekuzzjoni tax-xoghol li, wara kollox, gew kunsidrati mill-ewwel Qorti meta irriteniet li 90 jum ta’ dewmien kien tort tas-socjeta` attrici, kienet inadempjenti inkwantu mhux talli damet zmien eccessiv oltre it-terminu kontemplat fit-tender talli qatt ma lestiet ix-xoghol maghha kuntrattat. Il-klawsola penali tiskatta immedjatament hekk kif jiskadi t-terminu kuntrattat u l-appaltatur ma jrid jigieb ebda prova ghajr li dak it-terminu skada. Kien jispetta lis-socjeta` konvenuta li tiggustifika dak id-dewmien liema gustifikazzjoni, fil-fehma ta’ din il-Qorti, ma nghatatx hlief ghal perijodu li paragunat maz-zmien kollu involut kien relattivament zghir. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

**8) L-ewwel Qorti interpretat il-fatti skorrettament meta immotivat is-sentenza taghha u ddikjarat li x-xoghol mar lura ghax is-socjeta` appellanti ma kellhiex haddiema bizzejjed u accettat xoghol iehor.**

Ezaminati l-atti processwali din il-Qorti ma tistax tikkondividi din is-sottomissjoni. Infatti rrizulta li fuq t-*tender document* is-socjeta` konvenuta iddikjarat li kellha numru konsiderevoli ta’ haddiema u cioe` 55. Din id-dikjarazzjoni certament wasslet lis-socjeta` attrici li taccetta lis-socjeta` konvenuta fuq il-parir tal-Quantity Surveyor C. Gatt (fol 163) meta dan iddikjara li “We have worked with these Companies [ is-socjeta` konvenuta u Angelo Xuereb (Construction) Ltd] on various projects and can state that they are efficient and reliable contractors.” Biss kellu jkun ta’ disappunt kbir lis-socjeta` attrici meta, kif irriteniet l-ewwel Qorti “*Fir-realta` fis-sena in kwistjoni cioe`, 1996 kellha biss 24 haddiema. Naturalment dawn ma kienux dedikati biss fuq progett wiehed ghax is-socjeta` konvenuta ammettiet li kellha progetti ohra ghaddejin fl-istess hin fl-Imtarfa u postijiet ohra. Skond ix-xiehda ta diversi haddiema, fuq il-lant tax-xoghol kienu jkunu madwar hames jew sitt haddiema l-aktar fuq il-post.*” L-ewwel Qorti ghalhekk kienet gustifikata li tasal ghal konkluzzjoni li waslet ghaliha u konsegwentement dan l-aggravju wkoll mhux gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` konvenuta qed jigi michuda u s-sentenza appellata kkonfermata fit-totalita` taghha, bl-ispejjez ta’ dan l-appell ghas-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------